MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 58/2007/2

**Frances Debrincat**

**v.**

**Emanuel Debrincat u Paul Farrugia**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dan hu appell a tenur tal-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12 ad istanza tal-attrici minn dikriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fit-23 ta' April 2009 li bih laqghet it-talba tal-

konvenuti ghal differiment sabiex igibu l-provi fir-rigward id-dar matrimonjali.

**L-appell tal-attrici**

**2.** L-attrici hasset ruhha aggravata bid-dikriet surreferit u interponiet dan l-appell permezz ta' rikors datat 12 ta' Mejju 2009 wara li kienet ottjeniet il-permess tal-Ewwel Qorti b'dikriet tas-6 ta' Mejju 2009.

**3.** L-aggravju tal-attrici fil-qosor huwa li l-ftuh tal-istadju tal-provi wara li gja` saret it-trattazzjoni miz-zewg partijiet imur kontra n-normi tal-procedura u jkun ukoll ta' pregudizzju kbir tal-posizzjoni taghha.

**4.** Ghalhekk l-appellanta talbet biex din il-Qorti thassar u tirrevoka d-dikriet tat-23 ta' April 2009 bl-ispejjez kontra l-appellati, u tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tiddeciedi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

**Risposta tal-appellati**

**5.** L-appellati wiegbu li l-appellanta qeghdha titlob li din il-Qorti tat-Tieni Istanza tissostiwixxi d-diskrezzjoni taghha dwar ammissjoni ta' provi ghal dik tal-Prim Istanza.

**6.** Ghalhekk talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma d-dikriet moghti mill-Ewwel Qorti u tichad l-appell tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**Fatti li taw lok ghal dan l-Appell**

**7.** Illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2009, il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti minghajr htiega li jingiebu prova oltre dawk gja` prezentati mar-rikors u r-risposta guramentata. Gara li dakinhar wara li saret it-trattazzjoni, il-konvenuti talbu lill-Ewwel Qorti biex tawtorizzahom jipprezentaw provi dwar l-ewwel eccezzjoni, u dan minkejja li t-trattazzjoni kienet saret. L-appellanta opponiet dik it-talba, billi sostniet li jekk tigi milqugha t-talba l-linja difensjonali taghha kienet tigi

gravament pregudikata, izda l-Ewwel Qorti laqghet it-talba tal-konvenuti. Ir-rikorrenti appellat minn dak id-dikriet.

**8.** L-appellanta targumenta li l-osservanza tar-regoli ta' procedura hija mehtiega sabiex tigi assigurata l-ordni fil-kondotta tal-kawza sabiex tigi evitata ingustizzja lill-kontendenti. Hi tirreferi ghall-Artikolu 204(1)(b) tal-Kap. 12 li jghid bic-car li meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, ma tista' tinghata l-ebda xhieda ohra, hlief ghal-raguni gusta u bil-permess tal-Qorti. Tghid li kien obbligu tal-konvenuti li jipprezentaw il-provi taghhom dwar l-eccezzjonijiet preliminari taghhom qabel it-trattazzjoni.

**9.** L-appellati jsostnu li hadd daqs l-imhallef li jkun qed jisma' l-kawza ma jkun f'posizzjoni li jaghraf xi jkun gust li jsir fil-procediment biex tohrog il-verita` tal-fatti. Din il-posizzjoni giet konfermata bl-emendi li saru fil-Kodici tal-Procedura (Art. 229) fejn f'certi kazijiet ma jistax isir appell hlief wara s-sentenza finali u f'kazijiet ohra bil-permess tal-Qorti. Skont l-appellati r-regoli procedurali m'humiex ghajr strument li jintuza' biex jigu stabbiliti l-fatti. Diment li jemergu l-fatti, ma jista' qatt jinghad li dawn ikunu ta' xi pregudizzju, ghajr ghal min irid juza' l-procedura biex jahbi l-fatti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**10.** Illi skont l-Artikolu 204(1)(b) tal-Kap. 12:

"Meta s-smigħ tal-kawża jingħalaq ma tista' tingħata l-ebda xiehda oħra, <u>ħlief għal raġuni ġusta u bil-permess tal-qorti</u>".

**11.** Ghalkemm l-osservanza tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawzi kif ukoll biex bir-regolarita` tal-proceduri jigi evitat li ssir ingustizzja mal-kontroparti, izda fl-istess hin dawn ir-regoli ghandhom ukoll iservu biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lil persuna citata biex tiddefendi ruhha u mhux iservu bhala skuzanti biex il-process ma jsirx jew li tinstema' parti u mhux l-ohra (Ara App. **Farrugia v. Wismayer** deciza fil-25 ta' Gunju 1997; App.Inf. **Spiteri v.**

**Zerafa** 9 ta’ Lulju 2008; Vol XXXV pii p 514 u Vol XXXVII p ii p 675).

**12.** Fil-kaz in ezami, meta saret it-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, l-attrici sostniet fost l-ohrajn, li l-ewwel eccezzjoni ma setghetx tigi milqugha billi l-konvenuti ma pproducew l-ebda prova fis-sens li l-proprjeta` inkwistjoni kienet id-dar matrimonjali ta’ bejn il-partijiet. Hi ssostni li kien jispetta lill-konvenuti li jressqu l-provi qabel issir it-trattazzjoni.

**13.** Din il-Qorti ittendi li taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti appellati fejn isostnu li fil-verita` sal-mument tat-trattazzjoni ma kien hemm l-ebda kontroversja rigward jekk id-dar hix matrimonjali jew le u kien ghalhekk li huma ma ressqu l-ebda prova fir-rigward. Skont l-appellati, l-Ewwel Qorti deherilha li l-attrici kienet issorprendiet lill-konvenuti u ghalhekk gustament ippermettiet il-produzzjoni tal-provi f’dak ir-rigward.

**14.** Mill-atti jirrizulta li fil-premessi tar-rikors guramentat ir-rikorrenti ma tghidx li d-dar inkwistjoni kienet id-dar matrimonjali u lanqas li ma kienitx. Min-naha l-ohra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kienet mibnija fuq il-premessa li d-dar kienet dik matrimonjali. Ghalkemm il-partijiet kienu talbu li ssir it-trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari fuq il-fatti kif premessi fir-rikors guramentat u fir-risposta, il-kontroversja dwar id-dar matrimonjali qamet biss waqt it-trattazzjoni. F’dak l-istadju l-Qorti kellha quddiema nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet dwar il-fatti u ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti li qabel tiddeciedi l-eccezzjonijiet tassikura li l-fatti jkunu stabbiliti kif suppost.

**15.** Sakemm permezz tal-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu fir-regolament tal-proceduri, l-Imhallef ma jkunx qed ikun irragjonevoli jew ser jikkommetti ingustizzja, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata hlief ghal ragunijiet gravi.

**16.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti, l-ammissjoni tal-provi mill-Ewwel Qorti f’dak l-stadju setghet issir u ma

kienet sejra tinkiser l-ebda regola procedurali b'mod li johloq ingustizzja gravi lill-appellanta.

**17.** Ghalhekk din il-Qorti, wara li ezaminat kollox hija tal-fehma, li ghar-ragunijiet fuq esposti, m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

**18.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu tal-appellanta. Tordna li l-atti jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-provi u decizjoni tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------